Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,257, 30 ta' Awwissu, 2019
Taqsima B

A.L. 221 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 82 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinament prinċipali għandu jiġi mħassar.

4. Il-paragrafi (2), (3) u (4) li ġejjin għandhom jidħlu wara l-paragrafu (1) tal-odinament 3 tal-ordinament prinċipali:

"(2) L-applikanti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għad-dħul kif speċifikat fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jistgħu jkunu kkunsidrati wkoll biex jidħlu fil-Kors, sakemm li dawn l-applikanti jissottomettu evidenza ta' esperjenza u kwalifiki li huma relatati mill-qrib mal-*adult education* u sakemm ukoll huma juru evidenza ta' tagħlim miksub permezz ta' esperjenza preċedenti li għandha tiġi evalwata skont il-proċeduri stabbiliti mill-University Policy for the Recognition and Accreditation of Prior Learning.

(3) Il-Bord jista' jeħtieġ ukoll li l-applikanti li japplikaw skont is-sottoparagrafu (b) tal-paragrafu (1) u tal-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament biex joqogħdu għall-intervista li matulha l-abbiltà tagħhom biex itemmu l-Kors b'suċċess tiġi evalwata.

(4) L-intervisti għandhom ikunu mmexxija minn bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan u għandu jkun magħmul għall-anqas minn tlett persuni."